

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE NRU 269/2022**tat-23 ta' Settembru 2022****li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/798]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1967 tal-11 ta' Novembru 2021 li tistabbilixxi repożitorju tad-data obbligatorju u mekkaniżmu obbligatorju għall-iskambju ta' informazzjoni diġitali f'konformità mad-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (') għandha tiġi inkorporata fil-Ftehom dwar iż-ŻEE.
- (2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 32ga (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/996) tal-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"32gb. **32021 D 1967**: Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1967 tal-11 ta' Novembru 2021 li tistabbilixxi repożitorju tad-data obbligatorju u mekkaniżmu obbligatorju għall-iskambju ta' informazzjoni diġitali f'konformità mad-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 400, 12.11.2021, p. 160)."

Artikolu 2

It-test tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2021/1967 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-24 ta' Settembru 2022, dment li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2022.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kristján Andri STEFÁNSSON

(*) ĠU L 400, 12.11.2021, p. 160.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.